KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fis-6 ta' Lulju 2017 [1]

Kawża C-650/15 P

Polyelectrolyte Producers Group GEIE (PPG)
SNF SAS
vs

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

"Appell – Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Regolament REACH) – Sustanzi ta' tħassib serju ħafna – Stabbiliment ta' lista ta' sustanzi identifikati għall-inklużjoni eventwali fl-Anness XIV (lista ta' sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni) – Deċiżjoni li tidentifika l-akrilammid bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji għall-inklużjoni fil-lista – Artikolu 2(8)(b) – Eżenzjoni – Kunċett ta' 'sustanza intermedja' – Obbligu ta' motivazzjoni – Prinċipju ta' proporzjonalità"

1. Dan huwa appell imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2015, PPG u SNF vs ECHA [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"). F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Polyelectrolyte Producers Group GEIE ("PPG") u SNF SAS ("SNF") għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (iktar 'il quddiem l-"ECHA" jew l-"Aġenzija") (ED/68/2009) li tidentifika l-akrilammid (Nru KE 201-173-7) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna ("SVHC") li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament REACH [3] u li tinkludih fil-lista ta' sustanzi kandidati għall-inklużjoni eventwali fl-Anness XIV ta' dan ir-regolament (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

2. L-appell jipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tinterpreta l-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH, li jeżenta sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u ttrasportati mit-Titolu VII ta' dan ir-regolament. Dan it-titolu jikkonċerna l-SVHCs u jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli, l-ewwel nett, għall-identifikazzjoni u l-inklużjoni eventwali tagħhom fil-lista ta' sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni u, it-tieni nett, għall-awtorizzazzjoni ladarba jiġu inklużi f'dik il-lista. Tali analiżi se tkun tirrikjedi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi l-kunċett ta' "sustanza intermedja" u tiddetermina jekk l-użi intermedji ta' sustanzi għandhomx jitqiesu fl-identifikazzjoni ta' SVHC.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 T-268/10 RENV, EU:T:2015:698.

3 Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006 L 396, p. 1). Il-verżjoni tar-Regolament REACH rilevanti għall-fatti fil-kawża prinċipali hija l-aħħar waħda emendata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 (ĠU 2009 L 164, p. 7) u hija din il-verżjoni li jiena se nirriproduċi iktar 'il quddiem.

Ir-Regolament REACH

3. L-għan tar-Regolament REACH huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-valutazzjoni tal-perikoli ta' sustanzi kif ukoll il-moviment liberu tas-sustanzi fis-suq intern, filwaqt li jitjiebu l-kompetittività u l-innovazzjoni [4].

4. Il-premessa 12 tiddikjara li r-Regolament REACH ifittex "l-inkoraġġiment u f'ċerti każijiet l-assigurazzjoni tas-sostituzzjoni eventwali ta' [SVHCs] b'sustanzi jew teknoloġiji anqas perikolużi fejn ikun hemm disponibbli alternattivi ekonomikament u teknikament vijabbli".

5. Il-premessa 22 tinnota li d-dispożizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni "għandhom jiżguraw il-funzjonament korrett tas-suq intern filwaqt li jiġi żgurat li r-riskji minn [SVHCs] jkunu kontrollati adegwatament".

6. Skont il-premessa 41, "għal raġunijiet ta' funzjonalità u minħabba n-natura speċjali tagħhom, ir-rekwiżiti speċifiċi tar-reġistrazzjoni għandhom ikunu stabbiliti għas-sustanzi intermedji".

7. L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament REACH. L-Artikolu 2(1)(ċ) jipprovdi li r-regolament ma għandux japplika għas-sustanzi intermedji mhux iżolati. L-Artikolu 2(8) jipprovdi li "[s]-sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u s-sustanzi intermedji iżolati trasportati għandhom jiġu eżentati:

(a) mill-Kapitolu 1 tat-Titolu II, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 8 u 9; u

(b) mit-Titolu VII."

8. L-Artikolu 3 jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"1. sustanza: tfisser element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksub bi kwalunkwe proċess ta' manifattura, inkluż kwalunkwe addittiv meħtieġ sabiex jippriżerva l-istabbiltà tiegħu u kwalunkwe impurità li tiġi mill-proċess użat, iżda eskluż kwalunkwe solvent li jista' jiġi separat mingħajr ma tkun milquta l-istabbiltà tas-sustanza jew tinbidel il-kompożizzjoni tagħha;

[…]

15. sustanza intermedja: tfisser sustanza li tkun manifatturata għal u kkonsmata fi jew użata għal proċessar kimiku sabiex tinbidel f'sustanza oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ sintesi):

(a) sustanza intermedja mhux iżolata tfisser sustanza intermedja li matul sintesi ma titneħħiex intenzjonalment (ħlief għall-kampjunament) mill-apparat li fih issir is-sintesi. Dan l-apparat jinkludi r-reċipjent tar-reazzjoni, l-apparat anċillari tiegħu, u kwalunkwe apparat li minnu jgħaddu s-sustanza jew sustanzi matul proċess ta' fluss kontinwu jew ta' lottijiet kif ukoll is-sistema tal-pajpijiet għat-trasferiment minn reċipjent għal ieħor għall-iskop ta' l-istadju li jmiss tar-reazzjoni, iżda jeskludi t-tankijiet jew ir-reċipjenti l-oħrajn li fihom jinħażnu s-sustanzi wara l-manifattura;

(b) sustanza intermedja iżolata fuq il-post tfisser sustanza intermedja li ma tissodisfax il-kriterji ta' sustanza intermedja mhux iżolata u fejn il-manifattura tas-sustanza intermedja u s-sintesi ta' sustanza jew sustanzi oħra minn dik is-sustanza intermedja ssir fl-istess post, operata minn entità ġuridika waħda jew aktar;

4 Premessa 1 u l-Artikolu 1.

(ċ) sustanza intermedja iżolata trasportata tfisser sustanza intermedja li ma tissodisfax il-kriterji ta' sustanza intermedja mhux iżolata u trasportata bejn jew provduta lil postijiet oħra;

16. post: tfisser lok uniku fejn, jekk ikun hemm aktar minn manifattur wieħed ta' sustanza jew sustanzi, ikunu kondiviżi ċerti infrastruttura u faċilitajiet;

[…]"

9. It-Titolu VII jikkonċerna l-proċedura ta' awtorizzazzjoni. Skont l-Artikolu 55, l-iskop ta' dan it-titolu huwa li "jiżgura l-funzjonament korrett tas-suq intern filwaqt li jiżgura li r-riskji [mill-SVHCs] jiġu kontrollati tajjeb u li dawn is-sustanzi eventwalment jiġu sostitwiti progressivament minn sustanzi jew teknoloġiji alternattivi adatti fejn dawn ikunu ekonomikament u teknikament vijabbli". L-Artikolu 56(1)(a) jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li l-manifatturi, l-importaturi jew l-utenti iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet ma għandhomx iqiegħdu fis-suq sustanza li ġiet inkluża fl-Anness XIV (intitolat "Lista ta' sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni") għall-użu, jew jużawha huma stess, sakemm l-użi tagħha ma jkunux ġew awtorizzati.

10. Skont l-Artikolu 57, is-sustanzi li jistgħu jiġu inklużi fl-Anness XIV huma dawn li ġejjin:

"(a) sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni fil-kategorija 1 jew 2 skond id-Direttiva 67/548/KEE; [5]

(b) sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutaġeniċi fil-kategorija 1 jew 2 skond id-Direttiva 67/548/KEE;

(ċ) sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 jew 2 skond id-Direttiva 67/548/KEE;

(d) sustanzi li jkunu persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi skond il-kriterji previsti fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament;

(e) sustanzi li jkunu persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna skond il-kriterji previsti fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament;

(f) sustanzi – bħal dawk li jkollhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrina jew dawk li jkollhom proprjetajiet persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew proprjetajiet persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna, li ma jissodisfawx il-kriterji fil-punti (d) jew (e) – li dwarhom ikun hemm provi xjentifiċi ta' probabbiltà ta' effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent li jagħtu lok għal livell ta' tħassib ekwivalenti għal dak relatat ma' sustanzi oħrajn elenkati fil-punti (a) sa (e) u li jkunu identifikati fuq bażi każ b'każ skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 59."

5 Direttiva tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 1967, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluži (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 1, p. 27). Din id-direttiva minn dakinhar tħassret mir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008 L 353, p. 1).

11. L-Artikolu 59(2) sa (10) jistabbilixxi l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 57 u għall-istabbiliment ta' lista ta' kandidati għall-inklużjoni eventwali fl-Anness XIV:

"2. Il-Kummissjoni [Ewropea] tista' titlob lill-Aġenzija sabiex tipprepara dossier [fajl] skond it-Taqsimiet relevanti ta' l-Anness XV għas-sustanzi li fl-opinjoni tagħha jissodisfaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 57. Id-dossier jista' jkun limitat, jekk adatt, għal referenza għal entrata fil-Parti 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. L-Aġenzija għandha tagħmel dan id-dossier disponibbli lill-Istati Membri.

3. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprepara dossier skond l-Anness XV għal sustanzi li fl-opinjoni tiegħu jissodisfaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 57 u jgħaddih lill-Aġenzija. Id-dossier jista' jkun limitat, jekk adatt, għal referenza għal entrata fil-parti 3 ta' l-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. L-Aġenzija għandha tagħmel dan id-dossier disponibbli lill-Istati Membri l-oħrajn fi żmien 30 jum mir-riċezzjoni tiegħu.

4. L-Aġenzija għandha tippubblika fil-website tagħha avviż li ġie preparat dossier skond l-Anness XV fir-rigward ta' sustanza. L-Aġenzija għandha tistieden lill-partijiet kollha interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom lill-Aġenzija fil-limiti tat-terminu perentorju speċifikat.

5. Fi żmien 60 jum miċ-ċirkolazzjoni, l-Istati Membri l-oħrajn jew l-Aġenzija jistgħu jikkummentaw fuq l-identifikazzjoni tas-sustanza fir-rigward tal-kriterji fl-Artikolu 57 fid-dossier lill-Aġenzija.

6. Jekk l-Aġenzija ma tirċievi jew tagħmel l-ebda kumment, din għandha tinkludi din is-sustanza fil-lista msemmija fil-paragrafu 1. L-Aġenzija tista' tinkludi din is-sustanza fir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 58(3).

7. Meta tagħmel jew tirċievi kummenti, l-Aġenzija għandha tibgħat id-dossier lill-Kumitat ta' l-Istati Membri fi żmien ħmistax-il jum mit-tmiem tal-perjodu ta' 60 jum imsemmi fil-paragrafu 5.

8. Jekk, fi żmien 30 jum mir-riferiment, il-Kumitat ta' l-Istati Membri jilħaq ftehim unanimu dwar l-identifikazzjoni, l-Aġenzija għandha tinkludi s-sustanza fil-lista msemmija fil-paragrafu 1. L-Aġenzija tista' tinkludi dik is-sustanza fir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 58(3).

9. Jekk il-Kumitat ta' l-Istati Membri ma jirnexxilux jasal għal ftehim unanimu, il-Kummissjoni għandha tipprepara abbozz ta' proposta dwar l-identifikazzjoni tas-sustanza fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istati Membri. Għandha tittieħed deċiżjoni finali dwar l-identifikazzjoni tas-sustanza skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(3).

10. L-Aġenzija għandha tippubblika u taġġorna l-lista msemmija fil-paragrafu 1 fil-website tagħha mingħajr dewmien wara li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-inklużjoni ta' sustanza."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

Id-deċiżjoni kontenzjuża

12. PPG huwa grupp Ewropew b'interess ekonomiku li jirrappreżenta l-interessi ta' kumpanniji produtturi jew importaturi ta' polielettroliti, ta' polijakrilammid jew ta' polimeri oħra li jinkludu l-akrilammid. SNF hija waħda mill-kumpanniji membri tiegħu.

13. L-akrilammid huwa sustanza monomera użata biex tifforma polijakrilammid permezz tal-polimerizzazzjoni [6]. Il-polijakrilammid huwa ġeneralment l-iktar użat fit-tisfija tal-ilma, fl-industrija tal-karta, fl-industrija tat-tħaffir għall-minerali, fl-industrija taż-żejt, fl-agrikoltura, bħala addittiv għat-tessuti u fis-setturi tal-prodotti kożmetiċi u tal-iġjene personali.

14. Fil-25 ta' Awwissu 2009, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi bagħat lill-ECHA fajl dwar l-identifikazzjoni tal-akrilammid bħala sustanza karċinoġena u mutaġenika, li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57(a) u (b) tar-Regolament REACH bl-għan li din is-sustanza titqiegħed fil-lista ta' sustanzi kandidati biex tiġi inkluża fl-Anness XIV ta' dan ir-regolament (iktar 'il quddiem il-"lista ta' kandidati"). Fil-31 ta' Awwissu 2009, l-ECHA ppubblikat fis-sit elettroniku tagħha avviż li jistieden lill-partijiet ikkonċernati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dak il-fajl. Hija stiednet ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett.

15. Fis-27 ta' Novembru 2009, il-Kumitat tal-Istati Membri li tressaq il-fajl quddiemu skont l-Artikolu 59(7) tar-Regolament REACH, laħaq ftehim unanimu dwar l-identifikazzjoni tal-akrilammid bħala SVHC peress li kien jissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 57(a) u (b) ta' dan ir-regolament.

16. Fit-22 ta' Diċembru 2009, id-direttur eżekuttiv tal-ECHA adotta d-deċiżjoni kontenzjuża. Fit-30 ta' Marzu 2010, l-ECHA ppubblikat il-lista ta' kandidati li tinkludi l-akrilammid.

Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja

17. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Ġunju 2010, PPG u SNF ippreżentaw rikors għal annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

18. B'digriet tal-21 ta' Settembru 2011 fil-kawża PPG u SNF vs ECHA [7], il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli.

19. Permezz ta' sentenza tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawża PPG u SNF vs ECHA [8], il-Qorti tal-Ġustizzja annullat dan id-digriet, irrinvijat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u rriżervat l-ispejjeż.

Is-sentenza appellata

20. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-ECHA u indirizzat il-merti tal-kawża [9].

21. Permezz tal-ewwel motiv tagħhom, PPG u SNF sostnew li d-deċiżjoni inkwistjoni kisret l-Artikoli 2(8)(b) u 59 tar-Regolament REACH. Huma argumentaw li l-akrilammid huwa sustanza intermedja eżentata mill-identifikazzjoni bħala SVHC skont l-Artikolu 59. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument. Hija kkonstatat li skont id-definizzjoni ta' sustanza intermedja, prevista fl-Artikolu 3(15), il-klassifikazzjoni ta' sustanza bħala sustanza intermedja tiddependi mill-għan imfittex mill-manifattura tagħha u mill-użu tagħha. Il-fatt li sustanza jkollha, f'każ speċifiku, l-istatus ta' sustanza intermedja ma jfissirx li din għandha tkun eżentata mill-proċedura ta' identifikazzjoni prevista fl-Artikolu 59.

6 Skont id-Database Terminoloġika Multilingwi dwar is-Sustanzi Kimiċi tal-ECHA, polimerizzazzjoni hija l-formazzjoni ta' polimeri minn molekuli (monomeri) iktar sempliċi permezz ta' żieda.

7 T-268/10, EU:T:2011:508.

8 C-625/11 P, EU:C:2013:594.

9 L-analiżi tal-Qorti Ġenerali tal-kwistjoni ta' ammissibbiltà hija stabbilita fil-punti 29 sa 61 tas-sentenza appellata.

22. Permezz tat-tieni motiv tagħhom, PPG u SNF sostnew li l-ECHA wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta aċċettat li mhux l-użi kollha tal-akrilammid huma intermedji. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-ECHA għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika kumplessa ħafna. Il-fajl ippreparat mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Anness XV tar-Regolament REACH jindika li sa 99 % tal-akrilammid fl-Unjoni Ewropea kien użat bħala sustanza intermedja fil-produzzjoni ta' polijakrilammid għal diversi applikazzjonijiet; li kienu jeżistu użi oħra bħala aġent fi prodotti siġillanti kontra l-ilma u għall-preparazzjoni fuq il-post ta' ġellijiet ta' polijakrilammid; u li ma setax jiġi konkluż li l-użi kollha tal-akrilammid imsemmija mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-fajl tiegħu kellhom natura ta' sustanza intermedja.

23. Fir-rigward tat-tielet motiv (l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li (i) il-fatt li ma ttieħditx azzjoni; (ii) l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet skont it-Titolu VIII tar-Regolament REACH; u (iii) leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema ma setgħux jitqiesu bħala miżuri xierqa u/jew inqas restrittivi meta mqabbla mal-identifikazzjoni tal-akrilammid bħala SVHC.

24. Permezz tar-raba' motiv tagħhom, PPG u SNF sostnew li l-ECHA kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ttrattat l-akrilammid b'mod inqas favorevoli minn sustanzi oħra f'sitwazzjoni identika li ma kinux ġew identifikati bħala SVHCs. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, skont l-Artikolu 59(2) u (3), kienu l-Kummissjoni u l-Istati Membri li għażlu s-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fl-Anness XIV. L-ECHA ma setgħetx, mingħajr ma tmur lil hinn mis-setgħat tagħha, tipproċedi għall-identifikazzjoni ta' sustanza fin-nuqqas ta' fajl ippreparat minn Stat Membru jew mitlub mill-Kummissjoni. Minn dan isegwi li billi identifikat l-akrilammid, u mhux sustanzi oħra allegatament paragunabbli, bħala SVHC, l-ECHA ma kisritx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Ma kienet meħtieġa l-ebda motivazzjoni oħra għal dak l-għan.

25. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Settembru 2015, il-Qorti Ġenerali għaldaqstant ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu.

L-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

26. Permezz ta' appell imressaq fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 2015, PPG u SNF talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tagħti sentenza finali u tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża jew, sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Huma jitolbu wkoll lil din il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkundanna lill-ECHA għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

27. PPG u SNF ressqu sitt aggravji, li jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej. L-ewwel aggravju jallega żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' "sustanza intermedja" fl-Artikolu 3(15) tar-Regolament REACH. It-tieni aggravju jallega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Qorti Ġenerali sa fejn hija naqset milli tindirizza l-argument li l-Artikolu 2(8)(b) jeżenta sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u sustanzi intermedji iżolati ttrasportati mit-Titolu VII fl-intier tiegħu. It-tielet aggravju jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li s-sustanzi intermedji ma humiex eżentati mill-Artikolu 59 tar-Regolament REACH. Ir-raba' aggravju jallega żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali meta kkonstatat li l-ECHA ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni fl-Anness XV. Il-ħames aggravju jilmenta dwar żball fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni kontenzjuża. Is-sitt aggravju jallega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja naqset milli tindirizza l-miżuri inqas restrittivi mressqa minn PPG u SNF.

28. L-ECHA titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell bħala infondat, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lil PPG u SNF għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-aggravji. In-Netherlands jappoġġaw lill-ECHA fl-appell.

29. PPG u SNF, l-ECHA u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw argumenti orali fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2017.

Osservazzjonijiet preliminari

30. Dan l-appell essenzjalment jikkonċerna l-portata tal-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji iżolati mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-SVHCs stabbilita mit-Titolu VII tar-Regolament REACH.

31. Ir-Regolament REACH jistabbilixxi sistema integrata ta' kontroll tas-sustanzi kimiċi li tinkludi r-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni, kif ukoll l-awtorizzazzjoni tagħhom [10]. Skont il-proposta għal regolament tal-Kummissjoni, (i) ir-reġistrazzjoni "teħtieġ li l-industrija tikseb informazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi li hija tipproduċi u li tuża din l-informazzjoni sabiex tiżgura ġestjoni sigura tal-imsemmija sustanzi"; (ii) l-evalwazzjoni "tippermetti li jiġi vverifikat li l-industrija twettaq l-obbligi tagħha […]"; (iii) l-awtorizzazzjoni tikkonċerna SVHCs li "r-riskji [tagħhom] marbuta mal-użu […] se jiġu rieżaminati u, jekk huma kkontrollati b'mod xieraq, jew jekk il-vantaġġi soċjoekonomiċi jkunu ikbar mir-riskji u ma jeżistux sustanzi jew teknoloġiji ta' sostituzzjoni bħala soluzzjoni alternattiva xierqa, imbagħad l-użi se jingħataw awtorizzazzjoni"; u (iv) ir-restrizzjonijiet joffru "xibka ta' sigurtà li tippermetti l-ġestjoni tar-riskji li ma humiex koperti b'mod adegwat minn dispożizzjonijiet oħra tas-sistema REACH" [11] [traduzzjonijiet mhux uffiċjali].

32. Ir-Regolament REACH huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 191 TFUE [12]. F'konformità ma' dan il-prinċipju u sabiex jiġi żgurat livell suffiċjentement għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, l-SVHCs iridu jkunu suġġetti għal attenzjoni bir-reqqa [13].

33. It-Titolu VII tar-Regolament REACH jistabbilixxi l-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-SVHCs.

34. L-ewwel stadju jikkonsisti fl-identifikazzjoni tal-SVHCs f'konformità mal-Artikolu 57. L-SVHCs huma dawk is-sustanzi elenkati jew fl-Artikolu 57(a) sa (e) minħabba l-proprjetajiet ta' karċinoġeniċità, ta' mutaġeniċità jew ta' tossiċità għar-riproduzzjoni tagħhom, jew minħabba li jkunu persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna, jew fl-Artikolu 57(f), li jinkludi s-sustanzi l-oħra kollha "li dwarhom ikun hemm provi xjentifiċi ta' probabbiltà ta' effetti serji fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent li jagħtu lok għal livell ta' tħassib ekwivalenti għal dak relatat ma' sustanzi oħrajn elenkati fil-punti (a) sa (e)" [14].

35. L-Artikolu 59 jistabbilixxi l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' dawk is-sustanzi.

36. L-ewwel nett, jiġi ppreparat fajl skont l-Anness XV minn Stat Membru jew l-ECHA (fil-każ tal-aħħar, wara talba mill-Kummissjoni). Dan il-fajl irid jinkludi l-identità tas-sustanza kkonċernata, ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni proposta tas-sustanza kkonċernata u l-informazzjoni disponibbli dwar l-użu u l-espożizzjoni kif ukoll informazzjoni dwar sustanzi u tekniki alternattivi. L-ECHA tagħmel dan il-fajl disponibbli għall-Istati Membri [15]. It-tieni nett, l-ECHA għandha tippubblika fis-sit elettroniku tagħha avviż li ġie ppreparat fajl skont l-Anness XV fir-rigward ta' sustanza u tistieden lill-partijiet

10 Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, FCD u FMB, C-106/14, EU:C:2015:576, punt 32.

11 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u r-Regolament (KE) [dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes], COM(2003) 644 final, p. 12 (iktar 'il quddiem il-"proposta għal Regolament tal-Kummissjoni").

12 Artikolu 1(3) tar-Regolament REACH.

13 Premessa 69 tar-Regolament REACH.

14 Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, FCD u FMB, C-106/14, EU:C:2015:576, punt 35.

15 Artikolu 59(2) u (3) u l-Anness XV tar-Regolament REACH. Fi żmien 60 jum miċ-ċirkulazzjoni tal-fajl, l-Istati Membri l-oħra jew l-ECHA jistgħu jikkummentaw fuq l-identifikazzjoni tas-sustanza [Artikolu 59(5)].

ikkonċernati kollha sabiex iressqu il-kummenti tagħhom sa data ta' skadenza speċifikata minnha [16]. Jekk ma jitressaq l-ebda kumment, it-tielet pass ikun l-inklużjoni tas-sustanza fil-lista ta' kandidati, skont l-Artikolu 59(6). Jekk l-ECHA tirċievi kummenti, hija għandha tibgħat il-fajl lill-Kumitat tal-Istati Membri. L-ECHA mbagħad se tinkludi s-sustanza fil-lista ta' kandidati biss wara li l-Kumitat ikun laħaq ftehim unanimu jew il-Kummissjoni tkun ippreparat abbozz ta' proposta u tkun ittieħdet deċiżjoni finali f'konformità mal-proċedura ta' komitoloġija msemmija fl-Artikolu 133(3) [17].

37. Huwa ċar mill-Artikolu 59(1) tar-Regolament REACH li l-objettiv tal-ewwel stadju huwa li jiġu identifikati l-SVHCs u li tiġi stabbilita lista ta' kandidati għall-inklużjoni possibbli fl-Anness XIV.

38. It-tieni stadju tal-proċedura jikkonsisti fl-inklużjoni ta' ċerti sustanzi kandidati fl-Anness XIV, intitolat "Lista ta' sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni". L-ewwel, l-ECHA toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar SVHCs ta' prijorità li għandhom jiġu inklużi fl-Anness XIV [18]. Imbagħad, abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-ECHA, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tinkludi sustanza mil-lista ta' kandidati fil-lista ta' awtorizzazzjoni tal-Anness XIV. Din id-deċiżjoni tittieħed skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 5(a)(1) sa (4) u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE [19]. Din trid tispeċifika għal kull sustanza l-identità tagħha, il-proprjetà jew il-proprjetajiet intrinsiċi tagħha li ġġustifikaw l-identifikazzjoni tagħha skont l-Artikolu 57, kwalunkwe arranġament tranżizzjonali li jista' japplika, il-perijodi ta' reviżjoni għal ċerti użi (jekk ikun il-każ) u kwalunkwe użu jew kategorija ta' użi eżentati mir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni flimkien mal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn l-eżenzjonijiet, jekk ikun hemm [20].

39. It-tielet stadju tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni jikkonsisti fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għas-sustanzi inklużi fl-Anness XIV. Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għandhom isiru lill-ECHA mill-manifattur(i), l-importatur(i) jew l-utent(i) iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet tas-sustanza [21]. Hija l-Kummissjoni li tadotta deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni, fuq il-bażi tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 64.

40. L-SVHCs li ġew inklużi fl-Anness XIV ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq għal użu jew jintużaw minn manifatturi, importaturi jew utenti iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet sakemm dawn ma jkunux ġew awtorizzati jew ikunu jaqgħu f'ċerti kategoriji limitati stabbiliti fir-regolament [22]. Madankollu, prodotti, ikel jew għalf mediċinali u sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u trasportati huma eżentati mit-Titolu VII skont l-Artikolu 2(5) u (8) tar-Regolament REACH.

41. Hija l-interazzjoni bejn l-ewwel stadju tal-proċedura ta' identifikazzjoni, spjegata fil-punti 35 sa 37 iktar 'il fuq, u l-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji iżolati mill-awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH li tinsab fil-qalba ta' dan l-appell.

42. F'dan l-isfond, issa se neżamina dan l-appell. Mis-sitt aggravji jidhirli li l-ewwel għandhom jiġu eżaminati l-ewwel u t-tielet aggravji, peress li dawn jikkonċernaw il-portata tal-eżenzjoni tas-sustanzi intermedji mit-Titolu VII tar-Regolament REACH.

16 Artikolu 59(4) tar-Regolament REACH.

17 Artikolu 59(7) sa (9) tar-Regolament REACH.

18 Artikolu 58(3) tar-Regolament REACH.

19 Deċiżjoni tal-Kunsill, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 124). Ara l-Artikoli 58(1) u 133(4) tar-Regolament REACH. L-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet imdaħħla permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512 tas-17 ta' Lulju 2006 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 124).

20 Artikolu 58(1) u (2) tar-Regolament REACH.

21 Artikolu 62 tar-Regolament REACH.

22 Ara l-Artikolu 56(1)(b) sa (e) u l-Artikolu 56(2) sa (5) tar-Regolament REACH.

L-ewwel aggravju: żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' "sustanzi intermedji"

Sommarju tas-siltiet rilevanti mis-sentenza appellata

43. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-fatt li sustanza jista' jkollha status ta' sustanza intermedja ma jimplikax li din tiġi eżentata milli tiġi identifikata bħala waħda ta' tħassib serju ħafna b'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 59 tar-Regolament REACH [23].

44. Il-Qorti Ġenerali eżaminat l-użi tal-akrilammid bħala aġent siġillanti kontra l-ilma permezz ta' polimerizzazzjoni u għall-preparazzjoni ta' ġellijiet ta' elettroforesija abbażi tal-polijakrilammid. Fir-rigward tal-funzjoni ta' siġillant kontra l-ilma, hija kkonstatat li l-użu tal-akrilammid ma huwiex użu intermedju, iżda pjuttost użu finali tas-sustanza [24]. Il-punti 2 u 4 tad-"Definizzjoni tas-sustanzi intermedji kif miftiehma mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-ECHA fl-4 ta' Mejju 2010" [25] jappoġġaw din il-konklużjoni [26]. Fir-rigward tal-preparazzjoni ta' ġellijiet ta' elettroforesija abbażi ta' polijakrilammid, l-intenzjoni tal-preparazzjoni ta' forom, li hija waħda mill-istadji tal-protokoll tal-elettroforesija, ma hijiex li jiġi mmanifatturat il-polijakrilammid fih innifsu, iżda li l-molekuli jiġu sseparati b'mod analitiku permezz ta' elettroforesija [27]. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li t-tliet fajls ta' reġistrazzjoni għall-akrilammid fuq id-database tal-ECHA kollha jidentifikaw l-akrilammid bħala sustanza intermedja ma jfissirx li dik is-sustanza kienet użata esklużivament bħala sustanza intermedja [28].

45. Il-Qorti Ġenerali nnutat li, skont ir-Regolament REACH, sustanza hija ddefinita mill-proprjetajiet intrinsiċi tagħha, filwaqt li l-kunċett ta' sustanza intermedja huwa ddefinit skont l-għan previst mill-manifattura u mill-użu tas-sustanza [29]. Il-fatt li sustanza jista' jkollha status ta' sustanza intermedja għaldaqstant ma jimplikax li din tiġi eżentata milli tiġi identifikata bħala ta' tħassib serju ħafna b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 59 tar-Regolament REACH [30].

L-argumenti tal-partijiet

46. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, PPG u SNF isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tad-definizzjoni ta' "sustanza intermedja", kif stabbilita fl-Artikolu 3(15) tar-Regolament REACH. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

47. L-ewwel nett, PPG u SNF jargumentaw li l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali ta' sustanzi intermedji tmur kontra l-formulazzjoni ċara tad-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi intermedji stabbiliti fir-Regolament REACH. L-akrilammid jissodisfa d-definizzjoni ta' sustanzi intermedji peress li dan huwa mmanifatturat għal u kkonsmat f'reazzjoni kimika bl-intenzjoni li jiġi ttrasformat f'polijakrilammid. Għalhekk, l-użu sabiex jiġi fformat il-polijakrilammid sussegwentement użat bħala aġent siġillanti kontra l-ilma jew għall-preparazzjoni ta' ġellijiet ta' elettroforesija ma għandux jiġi eskluż minn din id-definizzjoni. L-użu finali tas-sustanza sintetizzata jew tal-proċess kimiku sussegwenti għas-sinteżi ma huwiex rilevanti għad-definizzjoni ta' sustanzi intermedji.

23 Punt 66 tas-sentenza appellata.

24 Punt 54 tas-sentenza appellata.

25 Appendiċi 4 tal-Guidance on intermediates tal-ECHA, 2010, ECHA-2010-G-17-EN ("il-Gwida dwar is-sustanzi intermedji tal-ECHA").

26 Punt 55 tas-sentenza appellata.

27 Punt 58 tas-sentenza appellata.

28 Punt 59 tas-sentenza appellata.

29 Punti 66 u 67 tas-sentenza appellata.

30 Punt 66 tas-sentenza appellata.

48. It-tieni nett, l-interpretazzjoni ta' sustanzi intermedji mill-Qorti Ġenerali tmur kontra l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi intermedji tar-Regolament REACH. Is-sustanzi intermedji huma kategorija speċifika ta' sustanzi li huma koperti mill-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament REACH minħabba li dawn ma jirrappreżentawx l-istess livell ta' riskju bħal sustanzi li għalihom hemm espożizzjoni sinjifikattiva.

49. It-tielet nett, PPG u SNF jaffermaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta hija bbażat fuq l-Appendiċi 4 tal-Gwida dwar is-sustanzi intermedji tal-ECHA biex issostni l-interpretazzjoni tagħha tad-definizzjoni ta' "sustanza intermedja".

50. L-ECHA twieġeb li d-definizzjoni ta' "sustanza intermedja" trid tiġi interpretata b'mod strett peress li hija l-punt ta' tluq għall-eżenzjoni ta' dawk is-sustanzi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament REACH. Sabiex sustanza tiġi kklassifikata bħala sustanza intermedja fis-sens tal-Artikolu 3(15), l-għan prinċipali tal-bidla ta' dik is-sustanza jrid ikun li tikkontribwixxi għall-istruttura ta' sustanza differenti li hija intiża biex tiġi mmanifatturata. Barra minn hekk, is-sustanzi intermedji huma suġġetti għal rekwiżiti ta' reġistrazzjoni inqas stretti meta jintużaw f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod strett f'"post" kif iddefinit mill-Artikolu 3(16). Għalhekk, meta tintuża sustanza għal użu finali speċifiku, fil-post fejn dak l-użu finali huwa mistenni li jseħħ (pereżempju, l-użu ta' akrilammid fl-issiġillar kontra l-ilma), dak l-użu ma jkunx intermedju. Barra minn hekk, il-Gwida dwar is-sustanzi intermedji tal-ECHA intużat mill-Qorti Ġenerali sempliċiment biex tappoġġja l-konklużjonijiet tagħha.

51. Għall-Kummissjoni, is-sempliċi fatt li sustanza waħda hija mibdula f'oħra ma huwiex biżżejjed biex tiġi kklassifikata bħala sustanza intermedja. Mingħajr ma timplika li hemm kriterju suġġettiv, il-Kummissjoni targumenta li l-iskop tal-manifattura u l-użu tas-sustanza u l-għan tal-proċess kimiku għandhom jitqiesu meta jiġi evalwat jekk dik is-sustanza tistax tiġi kklassifikata bħala sustanza intermedja. Hija żżid tgħid li l-użu ta' sustanza bħala sustanza intermedja huwa irrilevanti fir-rigward tal-identifikazzjoni tagħha bħala SVHC skont l-Artikolu 59 tar-Regolament REACH. Barra minn hekk, l-affermazzjonijiet ta' PPG u SNF rigward l-użu tal-Gwida tal-ECHA mill-Qorti Ġenerali huma żbaljati.

Evalwazzjoni

52. Essenzjalment, l-ewwel appell iqajjem il-kwistjoni tad-definizzjoni ta' "sustanzi intermedji" skont ir-Regolament REACH u r-relazzjoni ta' dan it-terminu ma' "sustanzi".

53. "Sustanza" hija l-kunċett prinċipali użat biex jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament REACH. Il-premessa 1 tiddikjara li l-għanijiet tar-regolament huma li jiġi żgurat "livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll il-moviment liberu ta' sustanzi […] filwaqt li jiġu mtejba l-kompetittività u l-innovazzjoni". Kemm il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tas-sustanzi jridu jinkisbu bl-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi [31]. L-essenza tad-definizzjoni ta' "sustanza" skont l-Artikolu 3(1) ("element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksub bi kwalunkwe proċess ta' manifattura"), baqgħet ma nbidlitx sa mit-testi preċedenti li kienu emendati jew imħassra minn dan ir-regolament [32] u l-ewwel direttiva dwar is-sustanzi perikoluż [33]. Dik id-definizzjoni hija "l-pedament ta'

31 Premessi 2 u 3.

32 L-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE, tas-27 ta' Lulju 1976, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 3, p. 317); l-Artikolu 2(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93, tat-23 ta' Marzu 1993, dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 212); l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Mejju 1999, li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonijiet perikoluż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 24, p. 109).

33 Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 67/548/KEE.

REACH, peress li s-sustanzi huma s-suġġett prinċipali tad-dispożizzjonijiet REACH"[34] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet tal-maġġoranza tat-termini tar-Regolament REACH, bħal "polimeru", "monomeru" u "sustanza intermedja", huma bbażati direttament fuq il-kunċett ta' "sustanza".

54. Meta sustanza titqies li hija ta' tħassib serju ħafna, li jfisser li hija partikolarment perikoluża minħabba l-proprjetajiet intrinsiċi tagħha, din tista' tiġi inkluża fl-Anness XIV tar-Regolament REACH, "Lista ta' sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni", skont il-proċedura deskritta fil-punti 33 sa 38 iktar 'il fuq. L-identifikazzjoni ta' SVHCs f'termini tal-Artikolu 57 ma tindirizzax l-użi previsti ta' sustanzi, iżda l-proprjetajiet intrinsiċi tagħhom biss.

55. "Sustanza intermedja" hija ddefinita fl-Artikolu 3(15). Huwa ċar mill-formulazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni li sustanza intermedja hija (i) sustanza; (ii) li tkun immanifatturata għal ipproċessar kimiku; (iii) li tkun ikkonsmata fi jew użata għal dak l-ipproċessar; (iv) sabiex tinbidel f'sustanza oħra. Fir-rigward tas-sustanzi intermedji iżolati, bħall-akrilammid f'din il-kawża, tapplika kundizzjoni oħra qabel ma s-sustanza tiġi kklassifikata bħala sustanza intermedja skont ir-Regolament REACH: il-proċedura trid isseħħ f'"post", kif iddefinit mill-Artikolu 3(16), jew is-sustanza trid tiġi ttrasportata bejn "postijiet" oħra jew fornuta lilhom. Ir-ratio legis hawnhekk huwa l-evitar ta' riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent billi jiġi żgurat li s-sustanzi intermedji jintużaw biss f'kundizzjonijiet ikkontrollati.

56. Id-differenza bejn il-kunċett ta' sustanza u l-kunċett ta' sustanza intermedja hija li din tal-aħħar hija mmanifatturata għal ipproċessar kimiku u tintuża sabiex tinħoloq sustanza oħra. Id-definizzjoni tal-aħħar b'hekk tinkludi fiha kemm (i) l-iskop tal-manifattura ta' sustanzi intermedji flimkien mal-konsum jew l-użu tagħhom, li huwa l-ipproċessar kimiku, kif ukoll (ii) l-iskop tal-ipproċessar kimiku nnifsu, li huwa l-ħolqien ta' sustanza oħra. Għas-sustanzi intermedji iżolati, id-definizzjoni tinkludi wkoll il-kunċett ta' "post".

57. L-eżami li jeħtieġ li jitwettaq hawnhekk huwa doppju: (i) jekk hemmx sustanza jew le u (ii) jekk l-iskop u l-kundizzjonijiet tal-manifattura, l-użu u l-ipproċessar kimiku ta' din is-sustanza jikkorrispondux jew le mad-definizzjoni ta' sustanza intermedja skont ir-Regolament REACH. Bħalma aċċettaw PPG u SNF matul is-seduta, il-punt ta' tluq għall-analiżi jrid ikun il-kunċett ta' "sustanza"; l-ewwel nett, is-sustanza għandha tiġi identifikata u mbagħad wieħed għandu jħares lejn il-modi kif tintuża sabiex jivverifika jekk din tikkorrispondix mad-definizzjoni ta' "sustanza intermedja". Hawnhekk se nuża silloġiżmu: is-sustanzi intermedji kollha huma użi ta' sustanzi, iżda l-użi ta' ċerti sustanzi biss huma intermedji; għaldaqstant, sustanza jista' jkollha kemm użi intermedji kif ukoll mhux intermedji.

58. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jsegwi li d-definizzjoni ta' sustanzi intermedji adottata mir-Regolament REACH hija bbażata fuq l-iskop tal-manifattura u l-użu tas-sustanza kkonċernata. Dan huwa rifless kemm fit-test tar-regolament kif ukoll fl-għan tiegħu.

59. B'hekk, it-test tal-Artikolu 3(15) jiddefinixxi "sustanza intermedja" bl-użu tal-espressjonijiet "manifatturata għal" u "sabiex". L-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi intermedji fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni huwa li jeżentaw ċerti użi ta' sustanzi mir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni sabiex jikkonċentraw fuq l-użi li joħolqu l-ikbar riskju[35]. Dan l-iskop għandu jiġi interpretat skont l-għan globali tar-Regolament REACH u tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni, jiġifieri, il-kontroll ta' riskji minn SVHCs fil-kuntest tal-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent[36].

34 Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Rapport Ġenerali dwar REACH, SWD(2013) 25 final, p. 17.

35 Ara, għal dak il-għan, il-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni, p. 33.

36 Artikoli 1 u 55 tar-Regolament REACH.

60. Għaldaqstant inqis li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li r-Regolament REACH jiddefinixxi sustanza intermedja "minħabba l-għan previst mill-manifattura u mill-użu ta' sustanza". Dan l-approċċ huwa konformi kemm mal-formulazzjoni kif ukoll mal-għan ta' dan ir-regolament.

61. PPG u SNF jaffermaw ukoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkategorizzat l-użu tal-akrilammid fl-issiġillar kontra l-ilma u għall-preparazzjoni ta' ġellijiet ta' elettroforesija bħala użu finali u mhux bħala użu intermedju tal-akrilammid.

62. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar l-applikazzjonijiet ta' siġill kontra l-ilma u l-preparazzjoni ta' ġellijiet ta' elettroforesija (punti 54 sa 58 tas-sentenza appellata) jiċħad in-natura intermedja ta' dawn l-użi. Dak ir-raġunament huwa bbażat fuq l-argument li l-iskop prinċipali tal-proċess kimiku ma huwiex il-ħolqien tal-polijakrilammid iżda l-funzjoni ta' siġill kontra l-ilma jew is-separazzjoni analitika tal-molekuli permezz ta' elettroforesija.

63. Skont kif qed naqra fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma estendietx il-portata tad-definizzjoni fl-Artikolu 3(15) u lanqas ma introduċiet in-nuqqas ta' użu finali tas-sustanza sintetizzata bħala kriterju addizzjonali fid-definizzjoni tas-sustanzi intermedji, bħalma jsostnu PPG u SNF. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali applikat id-definizzjoni ta' sustanzi intermedji, b'kunsiderazzjoni tal-għan previst mill-manifattura u mill-użu ta' sustanza, letteralment. Fil-fatt, bħalma nnutat ġustament il-Qorti Ġenerali, l-iskop tal-użu tal-akrilammid f'dawk iż-żewġ istanzi ma huwiex il-manifattura tal-polijakrilammid, iżda l-issiġillar kontra l-ilma u l-elettroforesija. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant sabet bħala fatt li dawk iż-żewġ użi ma kinux użi intermedji iżda użi finali.

64. Huwa veru li ċerti varjazzjonijiet terminoloġiċi fis-sentenza appellata, bħall-użu tal-kliem "intenzjoni", "għan imfittex" jew "għan previst", jistgħu jwasslu biex wieħed jaħseb li l-Qorti Ġenerali fittxet li tintroduċi element suġġettiv ta' evalwazzjoni tal-intenzjoni fid-definizzjoni ta' "sustanzi intermedji". Madankollu, fil-fehma tiegħi, qari kumplessiv tas-siltiet ikkontestati juri li dan ma huwiex il-każ. Il-preżenza okkażjonali ta' dak il-kliem għaldaqstant ma jinvalidax ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali.

65. Jekk l-applikazzjonijiet ta' siġill kontra l-ilma u l-preparazzjoni ta' ġellijiet ta' elettroforesija humiex użi ta' akrilammid jew le, u jekk dan ikun il-każ x'tip ta' użi, hija kwistjoni ta' fatt. Skont fehma waħda, l-appellanti hawnhekk qegħdin jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tasal għal konstatazzjonijiet ta' fatt differenti. Madankollu, fin-nuqqas ta' distorsjoni ta' fatti (li ma hijiex allegata) il-konstatazzjonijiet ta' fatt tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux jiġu kkontestati b'appell. Anki jekk wieħed ikun tal-fehma – iktar favorevoli għall-appellanti – li huma, pjuttost, qegħdin ifittxu li jikkontestaw il-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li tkun waslet għalihom il-Qorti Ġenerali abbażi ta' dawn il-fatti, mill-analiżi li għadni kemm spjegajt isegwi li jien inqis li l-Qorti Ġenerali applikat il-liġi b'mod korrett [37].

66. Għaldaqstant jien niċħad l-argumenti ta' PPG u SNF.

67. Fir-rigward tar-riferiment fil-punt 55 tas-sentenza appellata għall-Appendiċi 4 tal-Gwida dwar is-sustanzi intermedji tal-ECHA, PPG u SNF isostnu li l-Qorti Ġenerali kien imissha evalwat b'mod indipendenti l-mertu ta' dak id-dokument u li hija tibbaża fuq punti li huma irrilevanti għal dan il-każ.

37 Il-Qorti Ġenerali biss għandha ġurisdizzjoni esklużiva, minn naħa, li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, li tevalwa dawn il-fatti. Meta l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, bis-saħħa tal-Artikolu 256 TFUE, stħarriġ dwar il-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li tkun waslet għalihom il-Qorti Ġenerali abbażi ta' dawn il-fatti (ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi et, C-136/92 P, EU:C:1994:211, punti 48 u 49, u s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Alliance One International et, C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 84).

68. Jien inqis li dan l-argument għandu jiġi miċħud. Fil-fehma tiegħi, l-interpretazzjoni ta' sustanzi intermedji mill-Qorti Ġenerali hija korretta u l-fatt li hija tinvoka silta mill-Gwida dwar is-sustanzi intermedji tal-ECHA insostenn tal-konklużjonijiet tagħha dwar l-użu tal-akrilammid għal issiġillar kontra l-ilma ma għandu l-ebda konsegwenza fir-rigward tal-parti operattiva tas-sentenza appellata. Għaldaqstant ma jistax jiġi ġġustifikat l-annullament tagħha [38].

69. Għaldaqstant niċħad dak l-argument u l-ewwel aggravju.

It-tielet aggravju: żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji mill-Artikolu 59 tar-Regolament REACH

Sommarju tas-siltiet rilevanti mis-sentenza appellata

70. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-akrilammid, bħala "sustanza" skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament REACH, jista' jiġi ssuġġettat għall-proċedura ta' identifikazzjoni prevista mill-Artikolu 59 [39]. Minkejja li l-Artikolu 2(8)(b) ta' dan ir-regolament jeżenta sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u ttrasportati mit-Titolu VII, il-fatt li sustanza jista' jkollha l-istatus ta' sustanza intermedja ma jimplikax li din tiġi eżentata mill-proċedura ta' identifikazzjoni [40]. Il-fatt li l-fajl ippreżentat min-Netherlands dwar l-identifikazzjoni tal-akrilammid bħala sustanza karċinoġenika u mutaġenika jirreferi biss għal eżempji li jużaw din is-sustanza bħala sustanza intermedja ma huwiex rilevanti għall-finijiet li din is-sustanza tiġi identifikata bħala SVHC li tissodisfa l-kriterji msemmija fl-Artikolu 57. Dan il-fatt, madankollu, jista' jsir rilevanti iktar 'il quddiem fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni [41].

L-argumenti tal-partijiet

71. Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, PPG u SNF isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni li tat tal-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji mit-Titolu VII tar-Regolament REACH dwar l-awtorizzazzjoni. Dan l-aggravju huwa magħmul minn tliet partijiet.

72. L-ewwel nett, PPG u SNF isostnu li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li s-sustanzi intermedji ma humiex eżentati mill-Artikolu 59 tmur kontra l-intenzjoni ċara tal-leġiżlatura u l-formulazzjoni espliċita tal-Artikolu 2(8)(b) li teskludi s-sustanzi intermedji mit-Titolu VII fl-intier tiegħu.

73. It-tieni nett, huma jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 59, peress li r-riferiment ġenerali għal "sustanzi" f'dan l-artikolu ma jistax jipprekludi l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet speċifiċi għal sustanzi intermedji. Peress li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li s-sustanzi intermedji ma humiex suġġetti għal awtorizzazzjoni, hija wettqet żball ta' liġi meta mbagħad ma kkonkludietx li użi intermedji lanqas ma huma suġġetti għall-Artikolu 59. Barra minn hekk, il-fatt jekk sustanza tibbenefikax minn eżenzjoni minn ċerti dispożizzjonijiet irid jiġi vverifikat qabel ma dawn id-dispożizzjonijiet jiġu applikati għaliha, u mhux wara. L-appellanti jargumentaw ukoll li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 59 ma hijiex intiża sempliċiment biex jiġu identifikati sustanzi li għandhom il-proprjetajiet elenkati fl-Artikolu 57, iżda tistabbilixxi wkoll lista ta' sustanzi li eventwalment se jiġu inklużi fl-Anness XIV.

38 Ara, għal dak il-għan, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, C-496/99 P, EU:C:2004:236, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata.

39 Punt 65 tas-sentenza appellata.

40 Punti 66 u 67 tas-sentenza appellata.

41 Punt 69 tas-sentenza appellata.

74. It-tielet nett, PPG u SNF jaffermaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li s-sustanzi intermedji ma humiex eżentati mill-Artikolu 57. Il-fatt li sustanza jkollha proprjetajiet intrinsiċi ta' tħassib elenkati fl-Artikolu 57 ma jfissirx li l-eżenzjoni espliċita stabbilita fl-Artikolu 2(8)(b) tista' tiġi injorata. Barra minn hekk, l-iskop li jiġu identifikati sustanzi li jkollhom il-proprjetajiet intrinsiċi elenkati fl-Artikolu 57 ma huwiex li jiġu identifikati s-sustanzi kollha ta' dan it-tip, iżda biss dawk suġġetti għall-inklużjoni fl-Anness XIV.

75. L-ECHA targumenta li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH ma jistax jipprekludiha milli tidentifika l-akrilammid bħala SVHC. L-isfond leġiżlattiv, it-tifsira u l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu fil-prattika jappoġġaw din il-fehma. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(8)(b) huwa eċċezzjoni għar-rekwiżit ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u għaldaqstant għandu jiġi interpretat b'mod strett.

76. Fir-rigward tal-Artikoli 57 u 59, l-ECHA ssostni li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonkludiet li l-akrilammid jikkostitwixxi sustanza li tista' tkun suġġetta għall-proċedura ta' identifikazzjoni, irrispettivament minn jekk din tintużax biss bħala sustanza intermedja. Barra minn hekk, il-formulazzjoni ta' dawn l-artikoli tindika li l-identifikazzjoni u l-inklużjoni ta' sustanza fil-lista ta' kandidati ma jirriżultawx neċessarjament fl-inklużjoni tagħha fl-Anness XIV.

77. Il-Kummissjoni ssostni li l-eżenzjoni fl-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH trid tinftiehem bħala eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet kollha fit-Titolu VII li jirreferu għall-użu ta' sustanza bħala sustanza intermedja. Hija żżid tgħid li użi oħra, bħal fi prodotti mediċinali u f'ikel u għalf, huma eżentati mit-Titolu VII permezz tal-Artikolu 2(5) iżda ma jipprekludux sustanza milli tiġi identifikata u inkluża fil-lista ta' kandidati. Skont il-Kummissjoni, PPG u SNF ma spjegawx kif sustanza li tintuża kemm bħala sustanza intermedja kif ukoll bħala sustanza mhux intermedja għandha tiġi ttrattata li kieku l-interpretazzjoni tagħhom tal-Artikolu 2(8)(b) kellha tintlaqa'.

Evalwazzjoni

78. It-tielet aggravju jikkonċerna l-portata u l-effett tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH. It-tliet partijiet tat-tielet aggravju essenzjalment kollha jikkonċernaw din il-kwistjoni u għaldaqstant se nqishom flimkien.

79. L-ewwel nett, huwa neċessarju li wieħed iżomm f'moħħu li derogi minn prinċipju għandhom, skont ġurisprudenza stabbilita, jiġu interpretati b'mod strett [42]. Din il-konklużjoni hija valida a fortiori, meta l-prinċipju jkun ta' natura protettiva. Hawnhekk, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għandha l-għan li tikkontrolla r-riskji li jirriżultaw mill-SVHCs għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. F'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' prekawzjoni li r-Regolament REACH huwa bbażat fuqu huwa ta' rilevanza partikolari.

80. It-tieni nett, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(8) hija eżenzjoni parzjali. Din sempliċiment teżenta sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u ttrasportati mill-Kapitolu 1 tat-Titolu II (minbarra l-Artikoli 8 u 9) u mit-Titolu VII tar-Regolament REACH. Din għaldaqstant hija differenti mill-eżenzjonijiet ġenerali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament għal sustanzi radjuattivi, sustanzi, taħlitiet u oġġetti taħt sorveljanza doganali, sustanzi intermedji mhux iżolati, it-trasport ta' sustanzi perikoluż u skart li jinsabu fl-Artikolu 2(1) u (2).

81. It-tielet nett, fil-fehma tiegħi, l-eżenzjoni fl-Artikolu 2(8)(a) u (b) tikkonċerna użi partikolari ta' sustanzi, għar-raġunijiet li ġejjin.

42 Sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Baštová, C-432/15, EU:C:2016:855, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-29 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-185/10, EU:C:2012:181, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata.

82. Bħalma spjegajt diġà, id-definizzjoni ta' sustanzi intermedji adottata mir-Regolament REACH trid tiġi analizzata fid-dawl tal-iskop tal-manifattura u l-użu tas-sustanza inkwistjoni [43]. Minn dan isegwi li l-eżenzjoni mit-Titolu VII għal sustanzi intermedji (iżolati fuq il-post u ttrasportati) trid tiġi interpretata bl-istess mod. Din hija relatata mal-użu u għandha tinqara bħala li tikkonċerna użi intermedji ta' sustanzi.

83. L-istorja leġiżlattiva ta' din l-eżenzjoni tipponta f'dik id-direzzjoni. B'hekk, il-white paper li ppreċediet il-proċedura li tippromulga r-Regolament REACH tiddikjara, fit-taqsima 2.3 intitolata "elementi ewlenin tal-istrateġija proposta" [traduzzjoni mhux uffiċjali], li użi ta' sustanzi li ma joħolqux tħassib jistgħu jkunu suġġetti għal eżenzjonijiet ġenerali mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal SVHCs [44]. Il-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni ttenni dan il-prinċipju u tiddikjara li "ċerti użi jistgħu jkunu eżentati mir-rekwiżit li jiġu awtorizzati" sabiex "jippermettu li l-proċess ta' awtorizzazzjoni jikkonċentra fuq l-użi ta' sustanzi li x'aktarx joħolqu l-ikbar riskju" [45]. Iż-żewġ dokumenti jindikaw b'mod ċar li l-eżenzjonijiet mill-awtorizzazzjoni jikkonċernaw użi ta' sustanzi.

84. Barra minn hekk, l-abbozz inizjali tar-Regolament REACH inkluda l-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji mill-awtorizzazzjoni fi ħdan it-Titolu VII. L-Artikolu 53(5)(g) tar-regolament propost ipprovda li l-ewwel żewġ paragrafi (biss) ta' dan l-artikolu, li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni, ma kinux japplikaw għal "użi bħala sustanza intermedja iżolata fuq il-post jew bħala sustanza intermedja iżolata ttrasportata" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [46]. Kien il-Parlament Ewropew li, bl-intenzjoni ddikjarata li l-eżenzjonijiet kollha li jaffettwaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament REACH jinġabru f'artikolu wieħed fil-bidu tad-dokument għall-finijiet ta' ċarezza, ċaqlaq l-eżenzjoni li tikkonċerna s-sustanzi intermedji biex tingħaqad mal-eżenzjonijiet l-oħra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-regolament fl-Artikolu 2 [47]. Min-naħa l-oħra, l-Artikoli 57 u 59 baqgħu ma nbidlux sa mill-abbozzar inizjali tar-regolament propost [48]. Dawn jikkonċernaw sustanzi, kif iddefinit fl-Artikolu 3(1).

85. Minn dan isegwi li qari kkombinat tal-Artikoli 2(8)(b), 3(1), 3(15)(b) u (ċ) u tat-Titolu VII tar-Regolament REACH iwassal għall-konklużjoni li l-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u ttrasportati mit-Titolu VII hija eżenzjoni relatata mal-użu, li tkopri użu intiż speċifiku ta' sustanza.

86. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni fl-Artikolu 2(8)(b) ir-raġunament għaldaqstant għandu jkun kif ġej: (i) il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tikkonċerna sustanzi; (ii) l-applikazzjoni ta' din il-proċedura tippreżumi li l-kriterji għall-identifikazzjoni bħala SVHC stabbiliti fl-Artikolu 57 ikunu diġà ġew issodisfatti [49]; (iii) din l-identifikazzjoni tiddependi biss mill-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi u mhux mill-użu intiż tagħhom; (iv) meta sustanza tkun ġiet identifikata bħala SVHC, din taqa' taħt il-proċedura ta' awtorizzazzjoni, minkejja li l-inklużjoni formali tagħha fil-lista tas-sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni tista' tiġi posposta skont il-grad ta' prijorità mogħti lilha mill-ECHA [50]; madankollu

43 Ara l-punti 55 u 58 iktar 'il fuq.

44 Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, Strateġija għal Politika futura dwar is-Sustanzi Kimiċi, COM(2001) 88 final, p. 8 u 19.

45 Ara l-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni, p. 33.

46 Ara l-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni, p. 108.

47 Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir- ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjonijiet tas-Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sustanzi Kimiċi (REACH), u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u r-Regolament (KE) dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (2003/0256(COD)), A6-0315/2005, p. 523 u 524.

48 Ara l-Artikoli 54 u 56 tal-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni.

49 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, Hitachi Chemical Europe u Polynt vs ECHA, C-324/15 P, EU:C:2017:208, punt 35.

50 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, Hitachi Chemical Europe u Polynt vs ECHA, C-324/15 P, EU:C:2017:208, punt 35.

(v) meta l-SVHCs identifikati jkollhom użi intermedji, dawn l-użi jkunu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu VII ta' dan ir-regolament; u finalment (vi) jekk sustanza jkollha użi multipli, li wieħed minnhom biss ikun eżentat, l-eżenzjoni se tapplika biss għall-kwantità li hija intiża għall-użu eżentat [51].

87. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula iktar 'il fuq isegwi li l-Artikoli 57 u 59 tar-Regolament REACH jikkonċernaw sustanzi b'ċerti proprjetajiet intrinsiċi u mhux użi ta' sustanzi. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 2(8)(b) jeżenta biss użi speċifiċi ta' sustanzi (bħala sustanza intermedja iżolata) mit-Titolu VII. L-effett ta' dik l-eżenzjoni ma jistax ikun ikbar mill-portata tagħha. B'hekk l-Artikolu 2(8)(b) jista' jeżenta biss sustanzi intermedji mill-artikoli ta' dan it-titolu li jikkonċernaw użi ta' sustanzi, mhux mill-artikoli li jikkonċernaw proprjetajiet intrinsiċi ta' sustanzi.

88. Għaldaqstant nikkonkludi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-fatt li sustanza jista' jkollha status ta' sustanza intermedja għal ċerti użi ma jfissirx li din hija eżentata mill-identifikazzjoni bħala SVHC b'konformità mal-proċedura fl-Artikolu 59 [52].

89. Għaldaqstant inqis li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

It-tieni aggravju: ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

Sommarju tas-siltiet rilevanti mis-sentenza appellata

90. Fil-paragrafu 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH, is-sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u s-sustanzi intermedji iżolati ttrasportati għandhom jiġu eżentati mit-Titolu VII. Għaldaqstant hija eżaminat jekk, minħabba din l-eżenzjoni, id-deċiżjoni kontenzjuża kinitx illegali sa fejn din identifikat l-akrilammid bħala SVHC [53].

91. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-fatt li sustanza jkollha, f'każ speċifiku, l-istatus ta' sustanza intermedja ma jistax jeżentaha mill-proċedura ta' identifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 59 [54].

L-argumenti tal-partijiet

92. Insostenn tat-tieni aggravju tagħhom, PPG u SNF jargumentaw li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni billi naqset milli tindirizza l-argumenti tagħhom li jikkonċernaw l-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH. Huma jsostnu li s-sentenza appellata naqset milli tiddikjara għaliex l-eżenzjoni ċara u mhux ambigwa ta' sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u sustanzi intermedji iżolati ttrasportati mit-Titolu VII b'dan ma eskludietx ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 59.

93. L-ECHA ssostni li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa sempliċi u jippermetti lill-appellanti jkunu jafu għaliex l-argumenti tagħhom ġew miċħuda. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għall-paragrafi 65 sa 70 tas-sentenza appellata.

94. Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali spjegat b'mod suffiċjenti għaliex sustanza li tintuża bħala sustanza intermedja tista' xorta waħda tiġi identifikata skont l-Artikolu 59 tar-Regolament REACH.

51 Ara Bergkamp, L., "Key concepts and scope", The European Union REACH Regulation for chemicals, Oxford University Press, 2013, p. 59. Fil-fatt, PPG u SNF matul is-seduta aċċettaw li meta sustanza jkollha kemm użi intermedji kif ukoll mhux intermedji "pereżempju 50 % użi intermedji u 50 % użi oħra" [traduzzjoni libera], l-użi intermedji biss ikunu eżentati skont l-Artikolu 2(8)(b).

52 Punt 66 tas-sentenza appellata.

53 Punt 64 tas-sentenza appellata.

54 Punt 66 tas-sentenza appellata.

Evalwazzjoni

95. L-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenzi jirriżulta mill-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa applikabbli għall-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tiegħu. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha tkun turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament ta' din tal-aħħar, b'tali mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u b'mod li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha [55].

96. Kif qed naqra s-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indirizzat direttament il-portata tal-eżenzjoni stabbilita mill-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH.

97. Il-Qorti Ġenerali spjegat b'mod ċar il-motivazzjoni tagħha fil-punti 65 sa 70 tas-sentenza appellata. Hija kkonstatat li l-akrilammid huwa sustanza skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament REACH u li l-fatt li dan għandu, f'każ speċifiku, l-istatus ta' sustanza intermedja ma jistax jeżentah mill-proċedura ta' identifikazzjoni.

98. Fil-fehma tiegħi, il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija ċara u espressa b'dettall suffiċjenti biex PPG u SNF ikunu jistgħu jressqu l-appell tagħhom u biex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-appell.

99. Għaldaqstant nikkonkludi li l-Qorti Ġenerali tat raġunijiet suffiċjenti għad-deċiżjoni tagħha u li t-tieni aggravju huwa infondat.

Ir-raba' aggravju: żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-obbligu tal-ECHA li tqis l-informazzjoni fil-fajl skont l-Anness XV

Sommarju tas-siltiet rilevanti mis-sentenza appellata

100. Ir-raba' aggravju huwa mmirat lejn iċ-ċaħda tal-Qorti Ġenerali tal-argument tal-appellanti li skont l-Artikolu 59, l-identifikazzjoni tal-akrilammid kellha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni kollha li tinsab fil-fajl skont l-Anness XV ippreparat mill-Pajjiżi l-Baxxi, inkluża l-informazzjoni li tikkonċerna l-użi u l-espożizzjoni. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li anki jekk dan il-fajl semma biss eżempji tal-użu tal-akrilammid bħala sustanza intermedja, dan ma kienx rilevanti sabiex l-akrilammid jiġi identifikat bħala SVHC, peress li din l-informazzjoni ma kinitx tikkonċerna l-proprjetajiet intrinsiċi tal-akrilammid. L-informazzjoni dwar l-użi tal-akrilammid setgħet issir rilevanti fl-istadji sussegwenti tal-proċedura, jiġifieri waqt il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għal użi speċifiċi. Fi kwalunkwe każ, ma jistax jiġi konkluż li l-użi kollha tal-akrilammid imsemmija f'dan il-fajl għandhom natura ta' sustanza intermedja.

L-argumenti tal-partijiet

101. PPG u SNF jargumentaw li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq żball ta' liġi. L-informazzjoni dwar l-użi ta' sustanza hija rekwiżit regolatorju għall-fajl skont l-Anness XV u l-ECHA hija meħtieġa tqis dik l-informazzjoni. Fil-każ tal-akrilammid, l-informazzjoni wriet li din is-sustanza kienet użata biss bħala sustanza intermedja, fatt rilevanti għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH.

55 Ara, fost oħrajn, is-sentenza tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 29.

102. L-ECHA ssostni li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonkludiet li matul l-ewwel stadju tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' sustanza, ma huwiex meħtieġ li titqies l-informazzjoni dwar l-użu ta' sustanza. Fi kwalunkwe każ, il-fajl skont l-Anness XV innota li kien hemm żewġ użi ta' akrilammid li ma kinux intermedji.

Evalwazzjoni

103. Il-preparazzjoni ta' fajl skont l-Anness XV hija rekwiżit formali tal-proċedura skont l-Artikolu 59 tar-Regolament REACH. L-iskop ta' din il-proċedura huwa li jiġu identifikati sustanzi li għandhom il-proprjetajiet intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57 u li jistgħu, għaldaqstant, ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni.

104. Il-kontenut obbligatorju ta' fajl skont l-Anness XV huwa stabbilit mir-Regolament REACH innifsu. Dan jinkludi tliet partijiet: (i) il-proposta; (ii) il-ġustifikazzjoni u (iii) l-informazzjoni dwar l-użu, l-espożizzjoni, is-sustanzi alternattivi, u r-riskji. Il-proposta hija l-parti essenzjali mill-fajl, peress li tinkludi l-identità tas-sustanza kkonċernata u l-identifikazzjoni proposta tagħha skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57. Il-ġustifikazzjoni hija fundamentali wkoll, peress li din tagħti r-raġunijiet għall-identifikazzjoni ta' sustanzi.

105. L-informazzjoni dwar l-użu, l-espożizzjoni, is-sustanzi alternattivi u r-riskji hija obbligatorja wkoll iżda jidhirli li r-rwol tagħha huwa komplementari. L-ewwel nett, l-informazzjoni "disponibbli" dwar l-użu u l-espożizzjoni biss trid tiġi pprovduta [56]. Ma hemm l-ebda obbligu li titwettaq riċerka li tmur lil hinn mill-informazzjoni li hija disponibbli sabiex jiġi ppreparat fajl skont l-Anness XV. It-tieni nett, it-terminu "kategorija ta' użu u ta' espożizzjoni", iddefinit fl-Artikolu 3(38) [57], jintuża diversi drabi minn dan ir-regolament. Pereżempju, dan huwa rilevanti għat-Titolu II, li jikkonċerna r-reġistrazzjoni ta' sustanzi, fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata għall-finijiet ġenerali ta' reġistrazzjoni (Artikolu 10; ara wkoll Anness VI) u għall-Anness I, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-evalwazzjoni ta' sustanzi u għall-preparazzjoni ta' rapporti dwar is-sigurtà kimika. Fil-fehma tiegħi, min-natura komplementari ta' din l-informazzjoni u mill-fatt li din ma hijiex mistennija li tkun eżawrjenti jsegwi li r-rwol tagħha fl-Anness XV huwa biss fl-istadju meta jkunu qegħdin jitqiesu l-eżenzjonijiet ta' ċerti użi. Din ma għandha l-ebda rwol fl-evalwazzjoni (minn qabel) ta' jekk sustanza partikolari għandhiex tiġi identifikata bħala SVHC.

106. Għaldaqstant inqis li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat li anki jekk il-fajl skont l-Anness XV "isemmi biss eżempji ta' użi ta' din is-sustanza bħala sustanza intermedja, dan ma huwiex rilevanti sabiex l-akrilammid jiġi identifikat bħala [SVHC] […], peress li dik l-informazzjoni ma tikkonċernax il-proprjetajiet intrinsiċi tal-akrilammid". [58] Fil-fatt, kemm l-Artikolu 57 kif ukoll l-Anness XV huma ċari dwar dan il-punt: is-sustanzi jiġu identifikati bħala ta' tħassib serju ħafna meta dawn ikollhom il-proprjetajiet elenkati fl-Artikolu 57 [59]. Din id-dispożizzjoni ma tagħmel l-ebda riferiment għall-użi ta' sustanzi għall-finijiet ta' identifikazzjoni. Għall-kuntrarju, l-użi ta' sustanzi huma meqjusa xi mkien ieħor, jiġifieri mill-Artikolu 56, li jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li s-sustanzi inklużi fl-Anness XIV ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw, filwaqt li jistabbilixxi eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju. Dan l-istadju jikkonċerna l-inklużjoni ta' sustanzi fl-Anness XIV (Artikolu 58), jew fil-Kapitolu 2 tat-Titolu VII, li jikkonċerna l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet.

107. Għaldaqstant inqis li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

56 Ara, għal dak il-għan, id-digriet tal-4 ta' Settembru 2014, Cindu Chemicals et vs ECHA, C-289/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2175, punt 51.

57 L-Artikolu 3(24) jipprovdi definizzjoni separata tat-terminu "użu" u l-Artikolu 3(37) tat-terminu "xenarju ta' espożizzjoni".

58 Paragrafu 69 tas-sentenza appellata.

59 Ara l-punt 34 iktar 'il fuq.

Il-ħames u s-sitt aggravji: żball ta' liġi u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni kkontestata

Sommarju tas-siltiet rilevanti mis-sentenza appellata

108. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti ta' PPG u SNF li d-deċiżjoni kontenzjuża kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità. L-ewwel nett, hija kkonstatat li l-identifikazzjoni tal-akrilammid bħala SVHC ma kinitx manifestament mhux xierqa b'rabta mal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. It-tieni nett, hija kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata ma qabżitx il-limiti ta' x'kien neċessarju biex jintlaħqu dawk l-objettivi. B'mod partikolari, l-eżenzjoni ta' użi intermedji mill-identifikazzjoni ma hijiex miżura inqas restrittiva li hija xierqa biex jintlaħqu l-istess għanijiet. Minflok, il-leġiżlatura kienet introdoċiet regoli speċifiċi li jirregolaw is-sustanzi intermedji fl-Artikolu 2(1)(ċ) u l-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH.

L-argumenti tal-partijiet

109. Insostenn tal-ħames aggravju tagħhom, li huwa invokat b'mod sussidjarju, PPG u SNF jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Miżura inqas restrittiva kienet tkun li fl-att ikkontestat jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li "l-identifikazzjoni u l-inklużjoni fil-lista ta' kandidati ma għandhom l-ebda tip ta' impatt fuq l-użu ta' sustanzi intermedji", peress li din is-soluzzjoni jkollha l-vantaġġ li tirrikonċilja l-eżenzjoni tas-sustanzi intermedji skont l-Artikolu 2(8)(b) mal-proċedura ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 59.

110. PPG u SNF jargumentaw ukoll, permezz tas-sitt aggravju tagħhom, li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, stabbilita fit-tieni sentenza tal-punt 93, ma tippermettilhomx jifhmu għaliex din il-miżura ma hijiex miżura inqas restrittiva li l-ECHA kellha għaldaqstant tadotta.

111. L-ECHA ssostni li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija trid tiġi rrikonoxxuta setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'qasam li jimplika għażliet politiċi, ekonomiċi u soċjali min-naħa tagħha u li jirrikjedi li twettaq evalwazzjonijiet kumplessi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonformat mal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha f'dan ir-rigward. Ir-riferiment fil-punt 93 tas-sentenza appellata għar-regoli partikolari dwar is-sustanzi intermedji introdotti mil-leġiżlatura tal-UE, jiġifieri l-Artikolu 2(1)(ċ) u l-Artikolu 2(8)(b), u l-kontroriferiment għall-punt 48 kienu suffiċjenti.

112. Il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali indirizzat bis-sħiħ l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mill-ECHA. Barra minn hekk, it-talba sussidjarja mressqa minn PPG u SNF hija superfluwa minħabba li l-konsegwenza li din tidentifika tinsilet direttament mill-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH innifsu. Id-dikjarazzjoni mill-ġdid fi kliem differenti ta' dak li huwa diġà stabbilit fil-leġiżlazzjoni ma hijiex "miżura" u lanqas ma hija waħda "inqas restrittiva" peress li ż-żieda ssuġġerita ma għandha l-ebda effett legali jew prattiku.

Evalwazzjoni

113. Fil-punti 81 sa 94 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali eżaminat il-motiv ta' PPG u SNF li jallega ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

114. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ddefinixxiet b'mod korrett dak il-prinċipju u l-limitazzjonijiet fuq l-istħarriġ ġudizzjarju li jirriżultaw mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tgawdi l-ECHA f'dan il-qasam [60]. Il-Qorti Ġenerali mbagħad indirizzat l-argumenti li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament REACH [61]. Finalment, hija qieset jekk id-deċiżjoni kkontestata qabżitx il-limiti ta' dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi mfittxija u l-miżuri alternattivi inqas restrittivi ppreżentati minn PPG u SNF [62]. Hija kkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità.

115. Il-ħames aggravju ta' PPG u SNF jikkonċerna l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali ta' waħda mill-miżuri allegatament inqas restrittivi li madankollu, huma jargumentaw, kienet tippermetti li jintlaħqu l-objettivi mfittxija mir-Regolament REACH.

116. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument fuq il-bażi li l-eżenzjoni ta' sustanzi intermedji hija indirizzata b'mod espliċitu mill-Artikolu 2(8)(b) tar-Regolament REACH. Jien naqbel kemm mal-Qorti Ġenerali kif ukoll mal-Kummissjoni li, peress li fil-fatt din hija l-pożizzjoni legali, dik li suppost kienet "miżura alternattiva" ma kien ikollha l-ebda effett prattiku jew legali. Din għaldaqstant kienet tkun bla sens f'termini tat-test tal-proporzjonalità. Fil-qasir, din kienet tkun kompletament inutli.

117. Minn dan isegwi li l-ħames aggravju huwa infondat.

118. Permezz tas-sitt aggravju, PPG u SNF jaffermaw li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Huma jsostnu, b'mod partikolari, li t-tieni sentenza tal-punt 93 tas-sentenza appellata ma tippermettilhomx jifhmu għaliex il-miżura li jipproponu ma hijiex miżura inqas restrittiva li l-ECHA kellha tirrikorri għaliha.

119. Jien ma naċċettax din is-sottomissjoni.

120. Bħalma indikajt diġà, il-Qorti Ġenerali fil-fatt iddikjarat ir-raġunijiet tagħha għaċ-ċaħda tal-motiv ta' PPG u SNF. Huwa veru li dik il-motivazzjoni hija limitata għal sentenza waħda. Ninnota, madankollu, li l-argument li l-Qorti Ġenerali kienet qiegħda tirrispondi għalih kien ifformulat ukoll f'sentenza waħda fil-punt 92 tar-rikors għal annullament. Hija ġurisprudenza stabbilita li "l-obbligu tal-Qorti tal-Prim'Istanza li timmotiva s-sentenzi tagħha ma jistax jiġi interpretat bħala li jimplika li din hija marbuta li twieġeb fid-dettall għal kull argument invokat minn rikorrent" [63]. L-approċċ tal-Qorti Ġenerali ppermetta li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda, u b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, kif meħtieġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [64].

121. Għaldaqstant is-sitt aggravju għandu jiġi miċħud.

122. B'hekk nikkonkludi li l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

60 Punti 81 u 82 tas-sentenza appellata. Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Etimine, C-15/10, EU:C:2011:504, punti 60, 124 u 125.

61 Punti 84 sa 87 tas-sentenza appellata.

62 Punti 88 sa 93 tas-sentenza appellata.

63 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata.

64 Sentenza tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 29.

Spejjeż

123. F'konformità mal-Artikoli 137, 138, 140 u 184 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, moqrija flimkien, PPG u SNF, bħala l-partijiet li tilfu fuq l-aggravji kollha għandhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri.

Konklużjoni

124. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula iktar 'il fuq, jien tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tiċħad l-appell;

– tikkundanna lil Polyelectrolyte Producers Group GEIE u SNF SAS ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

– tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.